Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 119/2015

Il-Pulizja

Spettur Louise Calleja

Vs

Mario Pisani

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Mario Pisani, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 84684M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fir-Rabat (Malta) u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2008, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B' eghmil zieni kkorrompa lil Jamie Lee Cutajar, persuna that l-eta' ta' tnax il-sena;
2) Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-seghta lil privat jarresta lill-hati, arresta, zamm jew

issekwestra lil Jamie Lee Cutajar kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgeghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3) Offenda l-pudur jew il-morali, b' eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat Mario Pisani mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

2. tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat Mario Pisani mhux ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom; u

minflok għar-raġunijiet fuq premessi ssib lill-imputat Mario Pisani ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena idoneja kontra l-imputat skont il-Liġi għar-reati addebitati lilu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-4 ta' Marzu 2015 l-esponent Avukat Ġenerali rcieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghalija.

Illi f`dan il-kuntest l-aggravju ta` l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat u dana stante li minn ezami akkurat ta` l-atti processwali, jirrizulta b`mod car li l-verzjoni tal-minuri dwar l-akkadut mhux biss hija verosimili u kredibbli, izda hija verzjoni li l-minuri nvarjabbilment tenniet b`mod konsistenti. Dwar it-tieni akkuza u cioe` dik ta` l-arrest illegali tal-minuri, Jamie Lee baqghet tghid li Mario Pisani qatt ma zamma kontra l-volonta taghha ghax hi stqarret li meta kienet tghidlu biex jieqaf huwa ma kienx jibqa' jippersisti u ghaldaqstant m`huwiex kontestat il-fatt li l-appellat jigi illiberat mit-tieni akkuza migjuba kontrih. Fil-fatt, u skans kull ekwivoku, jigi mmedjatament rilevat li dan l-appell jitratta biss l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet; dwar it-tieni mputazzjoni fil-fatt ser tintalab il-konferma tal-liberatorja.

Illi fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati, il-minuri Jamie Lee Cutajar, kienet konsistenti matul il-process kollu u dan jidher bic-car kemm mix-xhieda taghha u kif ukoll mix-xhieda l-ohra ta' Francesca u Kimberly li qalu dak kollu li Jamie Lee kienet qalet lilhom fuq l-abbuz li kien qed isir fuqha minn Mario Pisani. Il-Qorti tal-Magistrati, fil-gudizzju taghha irriteniet illi:

"ma tinsabx moralment konvinta li l-minuri qed tghid il-verita' u dan ghal diversi ragunijiet. Ir-raguni pricipali tirrigwarda l-fatt li hija bidlet il-verzjoni dwar meta

saret taf dwar il-kaz ta' allegat abbuz ta' ohtha. Il-Qorti setghat fil-fatt tinnota li filwaqt li in ezami il-minuri sostniet li saret taf dwar dak li allegatament gara lill-ohtha wara li hija tkellmet dwar dak li kien qed jigri lilha, meta sarulha domandi fir-rigward in kontro-ezami hija ammettiet li fil-fatt kienet taf dwar dak li gara lil-ohtha qabel ma tkellmet dwar dak li kien qed jigri lilha, u cioe' qabel Jannar 2008."

Illi, bir-rispett kollu, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati, l-minuri Jamie Lee Cutajar, in ezami giet mistoqsija (a fol. 43 u 44):

"Qorti: Inti qedtli ghandek ohtok Melanie

Xhud: Ehe

Qorti: U li inti xtaqt tghidilha lil Melanie u filfatt ghamiltilha din l-ittra u mbaghad kien wara li graw dawn l-affarijiet li qedt lil Melanie, Melanie qatt qaltlek xi haga fuq dak li seta' gara lilha?

Xhud: Le

Qorti: Qatt ma qaltlek

Xhud: Issa naf imma qabel qatt ma kienet qaltli

Qorti: Mela meta filfatt qaltlek Melnie fuq dak li li seta' gara lilha?

Xhud: Meta gejt mill-iskola u konna qeghdin fil-gazebo, qaltli ghax jien grali l-istess haga, taf li ahna miggieldin maz-zija, kont naf li miggieldin u mhux se nkellimhom imma ma qalulix

.............

Qorti: Issa u din qatt ma qalithielek qabel ma inti ftaht qalbek maghha?

Xhud: Le le

Filwaqt li in kontro ezami Jamie Lee giet mistoqsija (a fol 49):

Qorti: Ok, mela qabel l-8th January, jigifieri qabel ma inti qedtli li qaltlek Melanie li kienet giet abbuzata hija wkoll, inti certa li inti ma kontx taf x'garalha Melanie u li kienet giet abbuzata?

Xhud: Ara fis-sajf il-kugina kienet qaltli, Kim, imma qaltli tghidilhomx li qedtlek u jien meta qaltli qisni speci ta' ma qedtilha xejn

Qorti: Ok u dan kien liema sajf?

Xhud: Is-sajf li ghadda

Dif: Allura ghaliex meta kien qed isir l-ezami dan ma qalitux imam qaltilna li ma kinitx taf?

Qorti: Allura ghalfejn meta kienet qed taghmilleek id-domandi l-Ispettur, kont nghidilhom jien issa llum stess jigifieri, ftit qabel, qedtilna li ma kontx taf li Melanie kienet abbuzata?

Xhud: Ghax dak li qaltli l-kugina, hi ghax imbaghad qaltli........"

Illi ghalhekk dan juri bic-car li l-Ewwel Qorti ma setghat qatt waslet ghal tali konkluzjoni u dan ghaliex id-domanda mposta fuq Jamie Lee Cutajar waqt l-ezami kienet wahda specifika li tirrigwarda lill-ohtha Melanie filwaqt li in kontro ezami d-domanda kienet kompletament differenti u kienet titlob jekk apparti Melanie kienx hemm xi hadd iehor li lissnilha dwar dan il-kaz ta' ohtha jew inkella jekk kienitx saret taf minn x'imkien iehor. Ir-risposta tal-istess Jamie Lee meta giet affacjata bid-domanda tal-avukat difensur jghidilha l-ghalfejn dan ma kienitx qalitu qabel, hi tghidilna bla tlaqliq ta' xejn "Ghax dak li qaltli l-kugina" u ghalhekk dan juri li l-minuri baqghet konsistenti mal-verzjoni taghha meta tghid li ohtha Melanie qatt ma qaltilha qabel u kien biss "Meta gejt mill-iskola u konna qeghdin fil-gazebo." Allura ghall-mistoqsija tal-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha: "kellha xi raguni tigdeb dwar dan il-fatt il-minuri?" jidher bic-car li l-minuri ma kienitx qed tigdeb izda kienet biss qed tirrispondi ghad-diversi domandi hekk kif gew maghmula lilha kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza u kien biss fid-dover tal-Qorti li tgharbel id-differenza bejn mistoqsija u ohra.

Illi b'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn sahqet ukoll fuq il-fatt li mart l-imputat ikkonfermat li l-minuri kienet taf sa minn ferm qabel dwar dak li allegatament gara lill-Melanie u kienet tkellmet maghha dwar dan allura dan ifisser li jekk filfatt kienet taf ma setghatx kienet qed tigi abbuzata?! Dan ifisser li mart l-

imputat ma setghatx tghawweg il-fatti?! Dan ifisser li allura Jamie Lee riedet tikkopja l-ohtha?! Imma d-domanda li b'kull rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel kienet dik ta x'interess kellha li tivvinta din l-istorja Jamie Lee meta hi stess titkellem ferm pozittiv fuq Mario u li sahansitra kienet tghajjatlu ziju u tghid li kien iddahhaqha hafna u johduha postijiet bhal Popeye's Village u r-Romp Around li huma aktar child friendly u li mal-genituri taghha dawn ma kienitx taghmilhom. Huwa mis-sewwa li tifla ta' hdax -il sena tivvinta storja bhal din fuq persuna li tant thobb u li sahansitra dan gie kkonfermat kemm mix-xhieda ta' Nathalie Pisani u kif ukoll mill-appellat Mario Pisani stess!

Illi l-Qorti tal-Magistrati, fid-decizjoni taghha tas-27 ta' Frar 2015, hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ewwel vers tal-ittra (Dok. LC a fol. 36) li Jamie Lee kitbet lil ohtha Melanie fejn irrakuntatilha dak kollu li kien qed jigri lilha: "Tiftakar darba kont ghadtlek xi haga fuq Mario il-kbir" u qablitu, skond l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma dak li xehdet ohtha f'dawn il-proceduri fejn din indikat li Jamie Lee ma kienitx semmitilha ismijiet u hija fil-fatt kienet staqsitha jekk missierhom jew il-boyfriend taghha kienux qed jaghmlulha xi haga. A kuntrarju ta' dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati, fix-xhieda taghha Melanie Cutajar (a fol. 141) meta mistoqsija:

"Qorti: Imbaghad x'qaltlek hi, Jamie Lee?

Xhud: Imbaghad qaltli, 'Eh vera?' Imbaghad qedtilha, **ghax hi darba kienet semmiet lil Mario,** ghax jiena, lilha kont qedtilha, 'Hemm xi haga pastaza?' Imma l-ewwel li qedtilha kienet, 'Imma hemm ragel involut. Per ezempju d-daddy, jew Christian, l-gharus tieghi, ghax hi l-iktar li tkun maghhom. Qaltli, 'Le.' Imbaghad qaltli, 'Mario'. Qaltli xi haga fuq Mario........." (sottolinear u enfasi tal-esponent)

Dan ghalhekk jerga' jikkonferma li Jamie Lee baqghet konsistenti u fl-ebda stadju ma gidbet jew dawret il-fatti fuq dak li kienet qed tghaddi minnu tant li anke ohtha Melanie fix-xhieda taghha tikkonferma li kienet ga gibditilha l-attenzjoni fuq Mario zmien qabel izda kienet biss Melanie li f' dak l-istadju semmietilha irgiel ohra u

mhux lil Mario u dan ghas-semplici raguni li kienet tkun l-iktar fil-kumpanija taghhom.

Illi, raguni ohra li waslet lill-Qorti tal-Magistrati tiddubita minn dak li allegat il-minuri fil-konfronti tal-appellat huwa l-fatt li filwaqt li Jamie Lee tghid li ma kienitx taf xejn dwar il-fatti tal-hajja qabel ma kellimha dwarhom l-appellat Mario Pisani, l-Qorti tghid li l-habiba taghha tal-iskola Francesca Cilia spjegat meta xehdet f'dawn il-proceduri li huma kienu tghallmu l-iskola dwar dawn l-affarijiet u fil-fatt kienu anki nghataw ktejjeb fejn kien hemm spejgazzjoni fir-rigward. B'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda ta' Francesca Cilia waqt il-kontro ezami (a fol. 127 u 128) fejn giet mistoqsija:

"Qorti: Fuq il-facts of life xi hadd qallek? Spjegathomlok forsi l-mama jew xi hadd l-iskola?

**<u>Xhud: Le. Hadd. Imbghad qisek tibda'....</u>** (sottolinear u enfasi tal-esponent)

Qorti: Tibda' tippikja xi haga min hawn u xi haga minn hemm. Orrajt. L-iskola qalulkom xi haga fuq abbuz sesswali?

Xhud: Din id-darba kienu tawna ktieb, kellu hafna abbuzi differenti, u kienu qalulna jekk tkunu tafu xi haga fuq dawn l-affarijiet, cemplu tipo."

Illi in vista tas-suespost, johrog car li Francesca Cilia fl-ebda hin ma qalet li huma kienu tghallmu l-iskola dwar dawn l-affarijiet. Illi, wiehed ma jistax ukoll jinsa', hekk kif tikkonferma l-istess Francesca fix-xhieda taghha (a fol. 122) li ghalkemm Jamie Lee u hi kienu tal-istess eta', huma ma kienux fl-istess klassi. Allura b'kull rispett, kif nistghu nghidu li Jamie Lee mhux kredibbli abbazi ta' ktieb, li nghata lil Francesca Cilia, u li minn imkien ma johrog jekk l-istess informazzjoni giet moghtija lil Jamie Lee fil-klassi taghha! Anke *in ogni caso* inghata l-ktieb li fih kellu hafna abbuzi differenti, dan allura huwa meqjus bhala fatt li bniedem ikun qrah jew li jaf x'inhuma l-*facts of life* minn sempliciment ktieb?! Illi infatti dan tikkonfermah Josette Cilia (a fol. 116) meta fix-xhieda taghha tghid li kienet bintha Francesca Cilia li kienet

tistaqsija fuq dawn l-affarijiet u li dan ghalhekk juri li lanqas l-istess Francesca ma kienet taf fuq il-facts of life mill-iskola u li kienet ommha li spjegatomlha:

"Mama, x'hinu abbuz? Mama x'jigifieri hekk?" Lately, kont spjegajtilha xi haga ghaliex anke kellhom leaflets mill-iskola mill-Appogg, x'hinu abbuz. U kienet anke fuq x'kien abbuz sesswali, u jiena lit-tifla stajt nghidilha li ridt nispjegalha x'hinuma dawn l-affarijiet, la darba giet issaqsini."

Illi punt iehor li geghglet lill-Ewwel Qorti tiddubita minn dak li qed tallega il-minuri huwa l-mod kif hija ghazlet li tghid dawn l-affarijiet lil habiba taghha Francesca, u cioe' permezz tat-telephone fejn imbaghad qaltilha li ser tkompli tirrakutalha kollox l-ghada l-iskola. Illi wiehed ma jistax jinsa li hawn si tratta di minuri ta' hdax –il sena u ghalhekk il-mod ta' kif minuri jaffacja certu sitwazzjonijiet huma ferm differenti minn dak ta' adult. B'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti, allura kull abbuz fuq minuri jirrikjedi certa formalita' kif jinkixfu l-affarijiet jew ic-cirkustanzi ta' kull kaz iwasslu lil kull minuri jikxef l-abbuz bil-mod u l-hin kif l-ahjar ihoss hi/hu fil-mument ta' dak li jkun ghaddej minnu?! Kull minuri tikteb ittra sabiex tesprimi dak li grala u fija tinsisti "dan li ha nghidlek tghidu l-hadd?!" Kull minuri tinkixef minn terzi persuni?! Kull minuri jikxef l-abbuz?! Dawn huma kollha fatturi li juru li kull individwu huwa differenti u jesprimi l-problemi jew id-diffikulatjiet tieghu bil-mod li jemmen li huwa l-ahjar ghalih fil-mument in kwistjoni u ghaldaqstant bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma setghat qatt tibbaza tali decizjoni fuq il-mod ta' kif minuri, ta' eta' tant tenera, ghazlet li taqsam "is-secret" taghha ma terzi persuni.

Illi l-Qorti tal-Magistrati fil-gudizzju taghha enfasizzat ukoll fuq il-fatt li omm il-minuri qatt ma nnutat xi differenza fl-agir jew attegjamemt tal-minuri jew xi kambjament fl-andament taghha l-iskola hekk kif normalment ikun hemm f'dawn it-tipi ta' kazijiet. Izda bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti allura kull kaz bilfors irid ikun jirrispekja lil iehor jew kull individwu jista jirrejagixxi b'mod ghalih?! Wiehed ukoll ma jistax jinsa dak li ntqal minn Francesca Cilia fix-xhieda taghha (a fol. 129) li Jamie Lee kienet tkun imbezza' u sahasitra kienet qaltilha "Noqghod nahseb fuqha bil-lejl, lanqas inkun nista' norqod." Dan ghalhekk ifisser li Jamie Lee kienet qed tigi affetwata b'mod differenti u li ghalhekk kien aktar ferm

difficli li l-adulti ta' madwara jindunaw li kien hemm xi haga hazina u li qed idejjaqa.

Illi l-Ewwel Qorti kompliet tiddubita ulterjorment minn dak li qalet il-minuri Jamie Lee minhabba l-fatt li hija fl-ebda mument ma ndikat lil xi hadd li kienet qed tibza' mill-appellat jew altrimenti wriet xi forma ta' riluttanza li tmur id-dar tal-appellat jew li tohrog mieghu u ma' martu. B'kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, hawn ghandha kaz ta' abbuz fuq minuri fejn l-istess minuri tistqarr fl-ittra li kitbet lil ohtha Melanie (Dok LC a fol. 36) "Imma jien qedt dan jigi iz-ziju tieghi u ma nahsibx li ha jaghmilli xejn hazin". Dan tkompli tikkonfermah fix-xhieda taghha (a fol. 31) meta qalet:

"Ifhem, ghall-bidu jien speci ta' ma kontx naghti kaz ma kontx naf allura kont niehu gost xorta mieghu, imma mbaghad is-sajf li ghadda konna Migna Ferha u fettilli nghid lill-kugina lil Kim, u din speci ta' x'hin bdejt nghidilha din ikbar minni sentejn, ghandha 14, u bdiet tghidli dawn l-affarijiet gravi u ghid lil xi hadd, u hu dejjem kien jghidli biex ma nghid lil hadd b'dak li kien qed jigri, u jien speci ta' bdejt nisma ftit minnha, u bdejt nghid imma dawn affarijiet speci ta' hziena, ghax hi bdiet tghidli le dawn mhux affarijiet li jsiru, specjalment maz-ziju speci jigi qisu

Qorti: Ghax int kont tikkunsidrah iz-ziju tieghek

Xhud: Ehe, imbaghad jien ma kont qedt lil hadd, imma ezempju ma kontx inkun komda hafna nkun fil-prezenza tieghu u meta kien jghidli xi haga kont nghidlu u ieqaf, u kont nghidlu mill-ewwel mhux jigifieri kont inhallih bhas-soltu

Qorti: Bhal meta kont zghira

Xhud: Ehe ma kienx jaffetwani speci ta' imma mbad qisu beda bdejt nghid lili nnifsi nahseb sewwa qed tghidli Kim mhux affarijiet li jsiru dawn."

Illi fl-ittra, l-minuri (Dok LC a fol. 36) issostni li kien wara li tkelmet ma Kim li rrealizat li "fid-dinja m'ghandek tafda lil hadd u jien minn dak iz-zmien bdejt nobodu u ma kontx inhossni komda immur id-dar maghhom u nohrog maghhom". Jamie Lee tkompli billi tispjega l-ghala qatt ma wriet xi forma ta' riluttanza li tmur id-dar tal-appellat jew li tohrog mieghu u ma' martu u dan billi qalet: "imma jien

qabel kont nibki biex immur kull jum ghand auntie nat u issa ha mmur nghid lil mami li qed nidejjaq allura kelli nibqa immur bhas soltu." Tant hu hekk li Francesca Cilia fix-xhieda taghha (a fol. 126) sostniet li meta pruvat tghidilha sabiex tkellem lil ohtha Melanie ir-risposta kienet "Le ghax nibza" u dan regat ikkonfermatu Lara Marie Cilia (a fol. 222) meta qalet li l-ewwel haga li qaltilha Jamie Lee kienet "Li anke nisfratta familja" u kien ghalhekk f'dan l-istadju li kitbet ittra sabiex tesprimi d-diffikultajiet taghha bil miktub. Hawn johrog ferm car il-biza li din il-minuri ta' eta tant tenera kienet ghaddeja minnu ghax minn banda ma tridx tikxef liz-ziju li tant kienet thobb ghax iggibu fl-inkwiet (a fol. 43) u mill-banda l-ohra l-biza' li jekk tghidilhom jinqala' l-glied (a fol. 74) u kif ukoll li z-zija Nathalie ma tkunx trid tkellimha ( a fol. 186).

Illi, in vista tas-suespost, ir-raguni l-ghala l-minuri Jamie Lee ma tkellmitx mal-familjari u tkellmet mal-hbieb tohrog bic-car u huwa ferm evidenti li l-istess minuri kienet qed issib sens ta' serhan billi taqsam 'is-secret' taghha ma Kim u Francesca bil-hsieb li dan ha jibqa' bejniethom u ma jintqal lil hadd u ghaldaqstant ma jkunx hemm glied. Ghalkemm fir-realta 'is-secret' inkixef, ma kinitx il-minuri Jamie Lee li ghamlet dan izda kienet omm Francesca Cilia li nfurmat il-genituri taghha b'dak li kien qed jigri lil binthom u dan jikkonfermawh kemm Raymond Cutajar u kif ukoll Maria Teresa Cutajar li jigu l-genituri tal-istess Jamie Lee.

Illi l-esponent huwa ferm sorpriz kif il-Qorti tal-Magistrati ma haditx in konsiderazzjoni fatturi ferm aktar importanti li jkomplu jsahhu dak li l-minuri dejjem sostniet. Kien hemm xi raguni partikolari ghalfejn Jamie Lee kellha tigdeb fuq il-fatt li l-appellat qalilha fuq il-*facts of life* bhal per ezempju kif jigu t-tfal fid-dinja, saqsija jekk ma gihiex il-period, jew jekk mhux qed jikbirlek is-suf?! Illi jekk wiehed jifli sew ix-xhieda ta' Jamie Lee jigi affacjat ma verzjoni konsistenti li turi li l-minuri bl-ebda mod ma riedet tkabbar jew izejjen dak li kien qed jigri lilha. Dan ghaliex meta kienet qed tigi mistoqsija dwar dak li kienet qed tallega hija tghid kif meta Mario Pisani kien jghidilha biex tiktibtlu kelma fuq il-computer huwa kien imissila l-parti ta' fuq izda ma kienx jieqaf hemm ghax kien ghad-dirittura jikkumplimentaha billi jghidilha "qed jikbrulek" (a fol. 30) izda ta' tifla nnocenti "kont nghid dan speci

mhu ha jaghmel xejn...." (a fol. 26). Fattur iehor ferm importanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni, kien il-mod ta' kif Jamie Lee spjegat dak kollu li kien qed jigri lilha. Jidher car li d-dettal li hija dahlet fih kien biss abbazi ta' dak li hi esperjenzat u dan minhabba l-mod ta' kif tispjegah u li bl-ebda mod ma juri li l-minuri qed tivvinta jew izzied izda anzi ticcara ezatt kif u b'liema mod Mario Pisani ghamel l-affarijiet. Il-Qorti saqsitha "idahhal idejh fejn?" (a fol. 27) il-minuri irrispondiet "Gol-qalziet, imma qatt ma dahhalha jigifieri, imma prova jdahhalha minn fuq, u jmissli l-parti ta' fuq, ezempju mbaghad gieli jaqbadli idi biex immisslu tieghu imma jien dejjem gebbidtha lura, qatt ma." Il-Qorti regghat saqsit:

"Sewwa. Issa meta hu kien jipprova jdahhal idejh fil-qalziet tieghek, hu kien jirnexxielu jdahhalha jdejh?" u l-minuri tirrispondi "Le dejjem bicca zghira......, Ghax hu kien idahhalha minn fuq hekk imma mhux jibqa' niezel fhimt, just kemm....Just kemm idahhal ftit imma speci ta' jew jien nghidlu ieqaf ezempju u kien johrogha, qatt ma per ezempju x'hin nghidlu ieqaf kompla jew xi haga."

Illi, punt iehor ferm krucjali li juri li Jamie Lee kienet qed tghid il-verita izda li l-Qorti tal-Magistrati, bir-rispett kollu ghazlet li twarrab, huwa meta l-minuri bl-aktar termini semplici spjegat kif ghal darbtejn, Mario Pisani u hi telghu fil-kamra tal-bejt, post li setghu jitilghu l-konkwilini kollha, fejn huwa "pogga bilqeghda fuq banketta, kien hemm banketta, u hareg il-parti tieghu t'isfel u hareg xi haga bajda (a fol. 29)." Il-mod ta' kif din ix-xena giet spjegata turi b'mod mill-iktar car li l-minuri ma kienitx taf x'inhuma dawn l-affarijiet tant li jekk wiehed jara l-video conference, jara lit-tifla taghmel il-mossa b'idejha hekk l-istess kif ghamel Mario Pisani quddiemha.

Illi huwa mis-sewwa li tifla ta' eta tant zghira tohrog bi storja bhal dik ta' meta kienu Popeye's Village, u tghid li fir-ritorn taghha d-dar bil-karozza ma' Mario, peress li kellha *soft toy* ahmar fuq hogorha tghid li Mario qallilha "aremm qed iccappsu" (a fol. 31) u li meta tghidlu "aqtaghha" tohrog bil-verzjoni "mbaghad nigu sewwa ma nkunx nista' naghmel ingerfex maz-zija?!" Dawn il-fatturi kollha juru li Jamie Lee ghaddiet min din l-esperjenza u tant li ma basritx li z-ziju favorit ha jaghmillha hekk li kienet thalli l-affarijiet ghaddejien bil-biza li jekk titkellem jinqala l-inkwiet u z-zija Nathalie ma tibqax tkellimha.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti limitatament fejn l-appellat gie illiberat mill-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet imressqa kontrieh. Dan ghaliex jishaq illi l-Ewwel Qorti erronjament ma tatx affidament lill-minuri abbazi ta' nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda taghha u dan ghaliex fil-fehma tieghu il-minuri Jamie Lee Cutajar tat verzjoni wahda u unika marbuta mal-allegat abbuz subit minnha minn taht idejn zijuha tar-rispett, u cioe' l-appellat odjern.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja.

Illi dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed ighid iswed u l-iehor ighid abjad. Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[1]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti

[1] Ibid

mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392) (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[2]"

Illi inoltre, bhal kif gara f'dan il-kaz partikolari mill-Ewwel Qorti, "biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti.[3]"

Issa huwa minnu illi meta xehdet il-minuri hija iddeponiet quddiem gudikant iehor, madanakollu billi x-xhieda taghha ittiehed permezz tal-procedura awdio viziva kontemporanja din certament kienet disponibbli ghall-Ewwel Qorti li allura setghet vizwalment tezamina d-deportament tax-xhud. Ghalhekk sewwa mxiet il-gudikant in prim'istanza meta ghamlet ezami ta' diversi cirkostanzi li fil-fehma taghha kienu jivvulneraw x-xhieda tal-minuri. Issa l-Avukat Generali jikkontendi illi dawn ic-cirkostanzi ma kellhomx iwasslu ghal liberatorja tal-gudikabbli billi jidhirlu illi l-Ewwel Qorti fehmet hazin dak li riedet tfisser il-minuri fix-xhieda taghha u dan fis-segwneti istanzi:

1. illi l-verzjoni taghha dwar kif u meta saret taf bl-abbuz sesswali li kienet subiet ohtha, jekk hux qabel jew wara l-allegat abbuz subit minnha, kien minn dejjem konsistenti u mhux kif erronjament iddecidiet l-Ewwel Qorti meta stqarret illi din biddlet il-verzjoni taghha in kontro-ezami.

[2] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008
[3] Amabile Cauchi vs Gianni Attard – App Krim. 21/05/1955

2. illi erronjament ukoll ikkonkludiet l-Ewwel Qorti li kien hemm kunflitt bejn il-verzjoni tal-minuri li tghid li meta semmiet l-allegat abbuz lil ohtha Melanie hija kienet indikat illi kien l-appellat il-malvivent, u il-verzjoni ta' ohtha li minn naha taghha issostni illi l-minuri ma kenitx semmietilha l-persuna involuta.

3. illi erronjament l-Ewwel Qorti ma tatx affidabilita lil minuri meta din stqarret illi l-fatti tal-hajja qalhomlha l-appellat u dan ghax il-habiba taghha Francesca Cilia stqarret illi huma kienu gew mgharrfa b'dan mill-iskola u dan fid-dawl tal-fatt illi din l-ahhar xhud kulma qalet kien illi l-iskola kienu qassmulhom xi ktejjeb ippubblikati mill-Agenzija Appogg u li tghallmet dwar il-fatti tal-hajja minn ghand ommha.

4. l-Avukat Generali iqies illi ma kien hemm xejn stramb fil-fatt illi l-minuri kienet fethet qalbha mal-habiba taghha dwar dan l-allegat abbuz fuq it-telefon. Allura l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tikkonkludi illi dan il-fatt kien qed juri kemm kienet inveritjiera l-verzjoni ta'l-minuri.

5. Illi l-Ewwel Qorti erronjament ukoll ikkonkludiet illi gjaldarba il-minuri ma sofriet l-ebda trawma u bdil fl-atteggjament taghha wara li subiet dan l-allegat abbuz u li hija kienet tiehu pjacir fil-kumpanija ta'l-appellat u anzi kienet tfittex il-kumpanija tieghu, ma kellux ikun indikattiv illi hija kienet qed tivvinta din l-istorja.

Illi fil-fehma tal-Avukat Generali il-minuri qatt ma setghet tivvinta id-diskors li kien ighidilha l-appellat dwar il-fatti tal-hajja, il-kummenti li kien ighaddielha dwar l-izvilupp fiziku taghha u dwar l-affarijiet intimi li huwa kien jaghmel ma' zijitha.

Ikkunsidrat,

Illi l-esercizzju maghmul mill-Ewwel Qorti meta rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti u l-ebda provi ohra indizzjarji jew li jikkoroboraw xi verzjoni jew ohra, kienet illi taghmel ezami tad-dettalji zghar li sawwru dan il-kaz sabiex setghet tasal biex tistabilixxi liema verzjoni kienet l-aktar kredibbli u verosmili. Issa din il-Qorti ezaminat ix-xhieda tal-minuri u tara illi fil-fatt huwa minnu illi f'hafna dettalji hija

inkonsistenti u mhux cara fir-risposti li taghti ghajr ghal meta taghti deskrizzjoni ta' l-abbuz li allegatament sehh. Mhijiex cara dwar kemm il-darba hija raqqdet fl-appartament ta'l-appellat, mhijiex cara jekk fil-kamra tas-sodda fejn kienet torqod kienx ikun hemm kuginuha maghha jew le, mhijiex cara dwar l-incident li sehh fuq il-bejt fejn ghalkemm tghid illi telghu fuq il-bejt darbtejn ma huwiex car jekk l-abbuz sehhx fiz-zewg okkazjonijiet jew darba wahda biss. Ma tafx ghal liema raguni l-appellat kien qalilha titla' mieghu fuq il-bejt izda tiftakar imbaghad dak li sehh. Ghalkemm tallega illi kien qed isehh dan l-abbuz, ma tibzax titla' fuq il-bejt mieghu wahedha. Ghalkemm ghall-ewwel tikkontendi illi hija kienet tiehu pjacir fil-kumpanija ta'l-appellat u tghid li kien bniedem li idahhaqha u cajtier, imbaghad iktar 'il quddiem tghid li tibza' minnu u ghalhekk ma tkellmietx dwar l-allegat abbuz. Tghid illi hija bdiet tiddejjaq fil-kumpanija tieghu wara li fethet qalbha mal-kugina taghha Kimberely fejn din qaltilha li l-affarijiet li kienet qed tghidilha fuq l-appellat kienu hziena u li qabel dan ma kenitx irrealizzat li dak li allegatament kien qed isehh kien hazin. Tallega li kien hemm okkazzjoni wahda biss meta telghet stampa oxxena ta' mara gharwiena u l-appellat hassarha minnufih u li fil-kompjuter tad-dar taghha dan kien isehh biss meta l-kompjuter kien ikollu xi virus. Illi ukoll ghalkemm tghid illi kien hemm episodji ta' tokkament meta kienet tmur tara it-televizjoni fil-kamra tas-sodda tal-appellat u taz-zija, lanqas ma kienet f'posizzjoni tindika kemm il-darba dan il-fatt allegatament sehh. Dan allura ifisser illi l-gudikant li irid jgharbel dak li din it-tifla biss tista' tixhed, billi bhal kif jigri spiss f'dawn il-kazijiet difficilment ikun hemm xi xhud okulari, irid necessarjament jara d-dettall f'dik ix-xhieda sabiex jasal biex jistabilixxi l-verosimiljanza taghha. Illi din il-Qorti allura, ezaminati mill-gdid il-provi kollha li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, b'mod specjali ix-xhieda tal-minuri u ta'l-appellat, tqies illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha u dan fid-dawl tal-fatt illi x-xhieda tal-minuri ma toffriex dik il-konsistenza u precizjoni fid-dettall taghha li certament ihallu dak il-*lurking doubt* f'mohh min irid jiggudika. Dan id-dubbju fil-kamp penali necessarjament jimmilita favur l-persuna ta'l-akkuzat billi kundanna li twassal ghat-telfien tal-liberta ma tista' qatt tkun imsejsa fuq id-dubbju.

Kwindi din il-Qorti ma tara xejn x'ticcensura fid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti u l-ezami li sar tal-provi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur